FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna B.A. LL.D.**

**Illum, 14 ta' Lulju 2000**

**Rikors Nru: 27B/95**

**Anthony Bugeja, Rosina Bugeja, Clementina Bugeja, Nicholina mart Doctor Charles Fava M.D. u l-istess Doctor Charles Fava ghal kull interess li jista' jkollu, Giovanna, armla Farrugia, Catherine mart Thomas Abela u l-istess Thomas Abela ghal kull interess li jista' jkollu, Mary mart Paul Mifsud u l-istess Paul Mifsud ghal kull interess li jista' jkollu, u Carmelina Bugeja ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Giuseppa Camilleri, armla, Rosario Camilleri, Michael Camilleri, Carmel Camilleri, Emmanuel Camilleri, Anthony Camilleri, Grace mart Joseph Farrugia, Clementina mart Joseph Zarb u l-istess Joseph Farrugia u Joseph Zarb ghal kull interess li jista' jkollhom, Catherine Camilleri, xebba, u l-Avukat Raymond Pace u l-PL Paul Saliba li b'digriet tat-18 ta' Jannar 1996 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti, Salvatore, Andrew u Joseph kollha Camilleri**

Il-Bord,

Ra ir-rikors li bih l-istess rikorrenti wara li ppremettew illi huma jikru lill-intimati l-ghalqa u razzett dizabitat fi Sqaq numru 1, numru 6, Triq San Martin, Zurrieq, ta' cirka tomnejn (2 T) u dana bil-qbiela ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kull sitt xhur, bil-quddiem, l-ewwel skadenza fl-14 ta' Frar, 1996.

Illi l-esponenti jixtiequ li jirriprendu dan ir-raba u u razzett dizabitat stante li dawn jinsabu f'zona ghall-izvilupp u di fatti l-esponenti ottjenew il-permessi kollha mehtiega biex jibnu u jizviluppaw l-art li fuqha hemm dar-raba u razzett.

Illi huma lesti li jhallsu kull kumpens li jista' jigi likwidat u iffissat minn dan il-Bord skond il-ligi.

Talbu li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzahom li jirriprendu il-pussess tal-imsemmi raba u razzett dizabitat, li jinsabu fi Sqaq numru 1, 6, Triq San Martin, Zurrieq, fuq imsemmi, sabiex ikunu jistghu jibnu fuq l-istess art skond il-permessi li huma ottjenew, u li dan il-Bord joghgbu jiffissa u jillikwida kull kumpens xieraq skond il-ligi favur l-intimati.

Ra r-risposta tal-intimati Giuseppa, Rosario, Michael, Carmel, Emanuel, Anthony, ilkoll Camilleri, Grace mart Joseph Farrugia, Clementina mart Joseph Zarb u l-istess Joseph Farrugia u Joseph Zarb u Catherine Camilleri xebba (a fol 10 tal-atti) li biha esponew:- Illi fl-ewwel lok ghal din l-azzjoni josta dak li jipprovdi l-Artikolu 907(2) tal-Kap 12 peress illi kien hemm proceduri fuq l-istess materja u talba ghall-izgumbrament mill-istess arja mill-istess atturi kontra l-istess intimati u qabel ma inbdiet din il-kawza ma jirrizultax li thallsu l-ispejjez.

Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt pero' mhux minnu li l-art in kwistjoni hija f'arja ta' zvilupp u dan mhux bizzejjed ghall-iskop li trid il-ligi.

Illi mhux minnu li r-razzett huwa disabitat.

Ghaldaqstant it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra in-nota ta' l-intimati ( a fol 20 ibid) li biha giet ceduta l-ewwel eccezzjoni skond l-imsemmija risposta kif ukoll il-verbal a fol 21 ibid.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

Illi mir-rikorrenti xehed, biss, Anthony Bugeja (a fol 52 u 64 et seq ibid) li, oltre li esebixxa il-permessi ta' bini relattivi ghall-art in kwistjoni (ara d-dokumenti markati numru AB1 sa AB10 a fol 22 sa 51 tal-atti), issottometta l-istess permessi kif imgedda (ara d-dokumenti markati minn ABX1 sa ABX10 a fol 66 sa 85 ta' l-istess atti).

Illi in rigward l-imsemmija premessi giet prodotta Monica Schranz in rappreżentanza tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll ta' l-Izvilupp (fol 111 et seq ibid) li specifikat liema permessi tal-bini kienu ghadhom validi fid-data ta' meta xehdet ossija fid-9 ta' April 1997.

Ikkunsidra

Illi mill-intimati xehdu Giuseppa Camilleri (ara fol 97 et seq ibid) u binha Michael Camilleri (fol 114 et seq ibid). L-intimata issottolineat li l-istess ghalqa kienet ilha tinhadem u tinzeragh minnhom ghal madwar tletin sena. Inoltre l-hitan tal-istess ghalqa kienu nbnew mill-gdid stante li kienu inwaqqghin meta kienet bdiet il-kirja. In rigward ir-razzett, hi xehdet biss li go fih kienu jinzammu madwar seba' tigigiet. Inoltre, preventement, l-istess ghalqa kienet qed tinhadem minn binha, Michael li kien guvni u jghix maghha. L-istess intimat Michael Camilleri oltre li fis-sustanza irrepeta dak li kienet xehdet ommu, qal ukoll li fl-imsemmi razzett disabitat kienet tinzamm xi ghodda.

Ikkunsidra;

Illi mill-premess, jidher evidenti li ma hemm ebda ostakolu sabiex jigu milqugha it-talbiet kif dedotti mill-istess rikors (ara l-artikolu 4(2) (b) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta)

Ikkunsidra:

Illi l-periti teknici ta' dan il-Bord issottomettew fir-rapport taghhom a fol 99 tal-atti li l-ammont ta' benefikati li ghandu jithallas f'dan il-kaz ghandu jigi stmat fis-somma ta' Lm648.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jilqa' it-talbiet attrici u 1) jawtorizza lir-rikorrenti sabiex sal-15 ta' Awissu 2000 jirriprendu il-pussess tal-ghalqa u razzett disabitat  sitwati fi sqaq numru wiehed (1), numru 6, Triq San Martin fiz-Zurrieq, u 2) jordna lir-rikorrenti sabiex jhallsu lill-intimati bhala kumpens skond il-ligi, s-somma ta' Lm648;

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Alan Calleja
Dep.Reg.